## FIL-HARIFA TA' HAJTI

*Tinstema' titniehed*
*Kitarra fil-bogħod.*
*Ir-riħ qalb is-siġar*
*Iħaxwex bil-mod.*
*Xi werqa tintelaq*
*U taqa' ma' l-art,*
*Midbiela, bla ħajja,*
*Il-ġilji wil-ward.*
*Intfiet is-sbuħija*
*Wil-glorja tal-jum,*
*Id-dalma qed taqa',*
*Il-bard qed iqum.*

*Hemm għadha l-kitarra fil-kesħa w l-irżieħ*
*Titniehed, titbekka mal-għanja tar-riħ.*

*Għanniet kemm-il darba*
*Il-ħolm taż-żgħurija,*
*L-imħabba li tixgħel*
*Fl-għajnejn ta' tarbija.*
*Għanniet fuq il-qawwa*
*Ta' ħutna l-Maltin*
*Li ssieltu, li rebħu,*
*Li mietu ħenjin.*

*Għanniet fost il-ferħ*
*Ta' ħajja bla serħ.*

*Għalxejn ir-riħ jagħti, għalxejn qed iżid,*
*U jikber madwari l-ilfiq u t-tnehid.*

*Il-ward tar-rebbiegħa*
*Ta' ħajti ġa sfar,*
*U s-siġra qed tfarfar*
*Il-weraq mad-dwar.*
*Id-demm taż-żgħużija*
*Mgħadux ġewwa l-vini*
*Ifawwar, ibaqbaq,*
*Bis-saħħa jimlini.*
*Kif għadda bħal leħħa*
*Iż-żiemel taż-Żmien,*
*Inħossni bla ħeġġa,*
*Inħossni għajjien.*

*Ir-riħ ħallih jagħti, jitbekka bla ħniena,*
*Għannili, kitarra, għax hekk irrid jiena.*

22/x/49. ĠUŻE' CHETCUTI.